MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 607/2003

**Bonavia Stores Limited**

**vs**

**George Cini**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta’ Marzu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm261.69) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq prezz ta’ merkanzija, accessorjii u parts mibjughin u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tieghu stess.
Bl-imghaxijiet legali kollha u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 27 ta’ Gunju 2001 u 3 ta’ Lulju 2002 u

tal-ittra ufficjali datata Novembru 2001 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-istess socjeta’ attrici stante li l-konvenut hallas lis-socjeta’ attrici ghas-saldu u m’ghandux jaghti ebda ammont lis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Pauline Cini u ta’ Joseph Bonavia. Ha koonjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal- mija u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm161.69).

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici jirrrigwarda bilanc ta’ prezz ta’ kumpressur u tank mixtrija mill-konvenut minghand is-socjeta’, attrici. Il-konvenut isostni li fit-22 ta’ April 2003 huwa effetwa pagament ghas-saldu. F’din id-data fil-fatt huwa baghat cheque akkompanjat b’ittra (esebita a fol. 10) fejn huwa indika li dan il-pagament ta’ Lm100.00 kien qed jigi effetwat ghas-saldu ta’ dak kollu dovut minnu lis-socjeta’ attrici. Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-23 ta’ April 2003 il-konsulenti legali tas-socjeta’ attrici baghtu ittra lill-konvenut fejn infurmah li l-pagament ta’ Lm100.00 kien qed jigi accettat bla pregudizzju ghall-ammont verjuri li kien ghadu dovut minnu (ittra esebita a fol. 11). Il-konvenut isostni li huwa rcieva din l-ittra fis-26 ta’ Mejju 2003 nonostante li l-istess ittra hija datata 23 ta’ April 2003 u li c-cheque mibghut minnu gie msarraf jumejn wara li ntbaghat.

Mir-riferta a fol. 5 tal-process jirrrizulta li l-konvenut gie notifikat bl-Avviz tat-Talba fl-10 ta’ April 2003. Il-pagament ta’ Lm100.00 ghalhekk intbaghat wara li l-konvenut gie notifikat bl-atti rigwardanti l-kawza odjerna fejn kien gie

mitlub ihallas bilanc ta’ Lm261.69. It-Tribunal ghalhekk jirritjeni li l-pagament effetwat minnu fil-mori tal-kawza ma jistghax jigi ritenut li sar ghas-saldu. Ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta fil-fatt xehed li huwa kien sarraf ic-cheque relattiv bla pregudizzju ghall-bilanc tal-prezz li kien ghadu dovut. Il-fatt li l-ittra li ntbaghtet lill-konvenut mill-konsulent legali tas-socjeta’ attrici waslet ghandu tardivament m’ghandha ebda relevanza fil-fehma tat-Trribunal peress li fil-mument li l-konvenut baghat il-pagament ta’ Lm100.00 huwa kien jaf li l-bilanc mitlub mis-socjeta’ attrici kien f’somma akbar stante li kif diga’ ntqal aktar il-fuq huwa kien diga’ gie notifikat bl-atti ta’ din il-kawza. Pagament li jsir fil-mori tal-kawza ma jistghax unilateralment jitqies li sar ghas-saldu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm161.69), bl-imghax pagtabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------